Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 871/2008AE

**George Holland**

**vs**

**Il-bastiment MARYANNE proprjeta' tas-Socjeta' Captain Morgan Leisure Limited, Numru ta' Registrazzjoni C-3255**

**u**

**Captain Morgan Leisure Limited Numru ta' Registrazzjoni C-3255**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-27 ta' Awwissu 2008, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi r-rikorrenti huwa s-sid tal-bastiment ANGELIQUE II, Motor Yacht bin-Numru Ufficjali 858154, irregistrat Port Adelaide, l-Awstralja;*

*2. Illi l-bastiment Angelique II, waqt li kien, fil-24 ta' Jannar, 2008, marbut f'nofs ix-Xatt tas-Sliema/l-Gzira, safa milqut mill-bastiment Maryanne, proprjeta' tas-socjeta' intimata, wara li dan inhall minn mac-cimi li maghhom kien marbut, jew qata l-istess cimi, bil-konsegwenza li fuq il-Motor Yacht Angelique II gew ikkawzati hsarat ingenti li ghalihom unikament responsabbli l-intimati;*

*3. Illi sabiex jissewwew dawn il-hsarat ir-rikorrenti talab u ottjena stima minghand il-Manoel Island Yacht Yard, hawn annessa u mmarkata Dok A, liema stima la tinkludi VAT, kif lanqas tinkludi l-ispiza li r-rikorrenti jrid bil-fors jidhol ghaliha biex jikri akkomodazzjoni ghall-perijodu li fih ikun qed isir ix-xoghol fuq il-yacht billi hu jghix fuq l-istess yacht;*

*4. Illi ghalkemm l-assikuraturi tal-bastiment Maryanne, rapprezentati Malta mis-socjeta' H. Vassallo Limited ilhom ghal dawn l-ahhar xhur jikkorrespondu mar-rikorrenti u l-legali tieghu bil-ghan li jaghmlu tajjeb ghall-hsarat ikkagjonati fuq il-Yacht tar-rikorrenti u sahansitra baghtu s-surveyor taghhom biex jaghmel survey fuq l-istess u anke kkontestaw parti mill-istima tal-Manoel Island Yacht Yard, liema stima giet riveduta 'l isfel bil-ghan li l-claim jinghalaq kif jidher mid-dokument B hawn anness, hin bla waqt iddikjaraw li l-claim ma kienx ser jigi onorat u d-danni sofferti mir-rikorrenti minnhom imhallsa, billi qed jghidu li l-hsara kkagunata grat minhabba 'Act of God' u allura l-bastiment intimat u s-socjeta' intimata, sidu, bl-ebda mod ma jahtu ghall-akkadut;*

*5. Illi ma hemm ebda dubju li d-danni sostanzjali li gew ikkawzati lill-bastiment Angelique II gew ikkawzati mill-bastiment Maryanne u dana minhabba negligenza, imperizja, jew nuqqas ta' tharis tar-regolament da parti tas-sidien u l-operaturi tal-bastiment Maryanne u mhux kif qed jigi allegat, tant illi l-istess sidien tal-bastiment, is-socjeta' intimata tramite ufficjali taghha accettaw ir-responsabilita' ghall-istess u jridu jaghmlu tajjeb izda l-agent f'Malta tal-P & I Club tal-Maryanne, qed jirrifjuta li jonora l-claim b'mod kapriccjuz jekk mhux ukoll ad insaputa tal-mandati tieghu;*

*6. Jghidu ghaldaqstant l-intimati ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbili Qorti:*

*i). Tiddikjara u tiddeciedi illi ghall-hsarat li gew ikkagunati fuq il-Motor Yacht Angelique II in segwitu ghall-kollizzjoni marittima li grat fl-24 ta' Jannar, 2008, kienu unikament responsabbili l-intimati jew minn minnhom jew flimkien u in solidum bejniethom u dana minhabba negligenza, imperizja, jew nuqqas ta' tharis lejn ir-regolament da parti tas-sidien u l-operaturi tal-bastiment Maryanne;*

*ii). Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*iii). Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jew min minnhom u/jew flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti dawk id-danni li jigu hekk illikwidata;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji u l-korrispondenza li ghaddiet bejn H. Vassallo Limited u r-rikorrenti u l-legali tieghu, d-drittijiet legali inkorsi mir-rikorrenti qabel il-presentata ta' dan ir-rikors, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi ppresentat kontestwalment mal-presentata tar-rikors odjern, u bl-imghax legali dovuti minn issa sad-data tal-pagament relattiv u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-30 ta' Ottubru 2008, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-hsara li garra l-attur fil-bastiment tieghu mhijiex imputabbli lis-socjeta' konvenuta u/jew lill-bastiment konvenut billi ma gratx tort taghhom u fi kwalunkwe kaz kienet kawza ta' kaz fortuwitu konsistenti f'maltemp riskontrat;*

*2. Illi in fatti fid-data tal-incident, fl-24 ta' Jannar 2008, il-Gzejjer Maltin kienu mahkuma b'maltemp qawwi u gravi li kkawza danni ngenti f'diversi partijiet ta' Malta kemm fuq bcejjec tal-bahar in generali kif ukoll fuq propieta' u hwejjeg ohra. F'dan ir-rigward l-esponent qed jehmez ma' din ir-risposta estratti minn erba' gazzetti lokali l-ghada ta' l-incident sabiex jigi kostatat l-entita' ta' dan il-maltemp. Rapport mahrug mill-Ufficcju Meteorologiku relattiv ghat-temp tal-jum in kwistjoni qed jigi anness ukoll;*

*3. Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess u f'kaz biss illi nonostante l-premess din il-Qorti ssib illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-incident, kwalunkwe danni likwidati huma limitati skond il-ligi u konvenzjonijiet applikabbli;*

*4. Illi f'kull kaz u minghajr pregiudizzju ghall-premess, kwalunkwe negozjati li kien hemm bejn l-attur u l-assikuraturi tal-konvenuti u/jew ir-rappresentanti taghhom saru minghajr pregiudizzju u fl-ebda stadju ma giet ammessa xi responsabbilita' fil-konfront tal-attur ghall-akkadut.*

Il-qorti rat l-atti.

1. Il-kawza titratta dwar incident li sehh fuq il-bahar fl-24 ta' Jannar 2008. Id-dghajsa Angelique II, proprjeta tal-attur, kienet marbuta max-xatt gewwa tas-Sliema u ntlaqtghet mid-dghajsa Maryanne[1], proprjeta tas-socjeta konvenuta, li ma baqax marbut mal-baga.

2. Id-difiza tal-konvenuti hi bazata fuq it-tezi li l-hsara li saret fuq id-dghajsa tal-attur ma gratx tort taghhom u f'kull kaz kien kaz fortuwitu minhabba maltemp. Skond l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili:-

[1] Ix-xhud Bernardette Fehr iddeskriviet id-dghajsa hekk: *"I remember that the Maryanne is like a traditional Maltese boat know as luzzu which is slightly larger than Angelique II, which is 44 feet long"* (fol. 40).

*"Kull hsara li tigri **b'accident**[2] jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara"*.
Hu dmir tas-sid ta' dghajsa li jizgura li meta m'hijiex tintuza u tkun fil-bahar, tkun irmiggata b'mod li ma tikkagunax hsara lil dghajjes ta' terzi. L-incident sehh meta min-naha tal-pruwa d-dghajsa Maryanne ma baqghetx marbuta mal-baga bil-konsegwenza li ccaqlqet minn postha u laqtet id-dghajsa tal-attur.

3. Jidher li dakinhar li sehh l-incident il-gzejjer Maltin intlaqtu minn rih qawwi mill-grigal[3]. Fl-24 ta' Jannar 2008 is-sahha tar-rih kien ivarja bejn 7 u 8. Pero' dan 'il fatt wahdu m'huwiex bizzejjed biex il-konvenuti jirnexxu fid-difiza. Kaz fortuwitu *"[....] huwa dak l-avveniment li **ma setax ikun prevedut minn pesuna ta' ordinarja diligenza**"* (**Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u d-Direttur Dipartiment tat-Toroq,** deciza mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 2004).

   Fis-sentenza **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** tat-28 ta' Frar 2001, il-Qorti tal-Appell ccitat dak li jinghad f'sentenza pubblikata fil-Volum XXXVII.ii.637:

   *Il-kuncett ta' kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun **ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem**. Skond il-principji tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortiwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, spropozjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli **b'mod li ma jistax jigi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus pater familias**. Bl-applikazzjoni ta' dawn il-principji gie ritenut li l-Awtorita' kienet responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-fond tieghu minhabba skol awmentat tal-ilma tax-xita li kien dovut ghal xi tibdil sostanzjali li l-Awtorita' kienet ghamlet fit-triq"* (enfazi mizjuda).

   F'din it-tip ta' difiza l-oneru tal-prova qieghed fuq il-parti li tinvokaha.

4. Mid-dokument a fol. 19 jirrizulta li fit-23 ta' Jannar 2008 kien ukoll rih qawwi. Fil-fatt fid-dokument jinghad li r-rih kien *"Northwest force 7 becoming force 6 to 7 and backing Northeast force 5 becoming force 6 u 7"*, filwaqt li l-kundizzjoni tal-bahar giet deskritta bhala ***"Rough to very rough"***. Il-qorti ma tarax li dak li gara ma kienx prevedibbli. Illum il-gurnata t-tbassir tat-temp johrog minn granet qabel. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' l-konvenuti kienu jafu li fl-24 ta' Jannar 2008 kien ser ikun hemm grigalata. Kellhom ghalhekk id-dmir li jiehdu l-prekawzjonijiet sabiex jigi zgurat li ma jigrix dak li fil-fatt gara. Louis Hili, ufficjal tas-socjeta konvenuta, xehed: *"Nghid illi dakinhar kelli tnejn min-nies li kienu ghassa bil-lejl peress li kienet grigalata qawwija"* (fol. 86). Zied, *"... meta jkun il-maltemp u tkun grigalata kif kienet dakinhar ikollna tnejn min-nies telghin u nezlin l-Istrand tas-Sliema u jiccekjaw id-dghajjes li*

---

[2] Fit-test Ingliz *'fortuitous event'*.
[3] Ara dokument tal-Ufficcju Meterjologiku ta' Malta International Airport a fol. 19.

*jkunu fil-posizzjoni li nkunu hallejnihom ahna hekk qabel ma tlaqna"* (fol. 88). Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex bizzejjed. 'Il fatt wahdu li fl-24 ta' Jannar 2008 kien rih qawwi, m'hijiex prova bizzejjed li l-hsara saret minhabba kaz fortuwitu. Louis Hili xehed li d-dghajsa ma baqatx marbuta mal-baga[4]. Pero' ma nghataw l-ebda dettalji dwar ic-cimi li bihom id-dghajsa kienet marbuta mal-baga u jekk sarux accertamenti dwar ic-cima, mehud in konsiderazzjoni li fit-23 ta' Jannar 2008 kien ukoll il-maltemp. Lanqas m'hemm xi provi li ttiehdu xi prekawzjonijiet sabiex jigi accertat li d-dghajsa tibqa' marbuta mal-baga. Inoltre, m'hemmx provi li f'dik l-akkwata dghajjes ta' sidien ohra kienu nqatghu minn mal-bagi[5]. L-indikazzjoni hi li d-dghajsa Maryanne ma baqatx marbuta mal-baga minhabba nuqqas tal-bniedem, liema xenarju ma jippermettix li jigi nvokat il-kaz fortuwitu jew forza magguri.

5. Meta xehed Louis Hili semma li d-dghajsa tal-attur kienet irmiggata f'post li ma kienx taghha. Kevin Zammit Briffa, General Manager tas-socjeta konvenuta, semma li kien ikkummenta lill-impjegat tal-kumpannija li d-dghajsa Angelique II kienet vicin id-dghajsa Maryanne[6]. Il-konvenuti ma tawx eccezzjoni f'dan is-sens. F'kull kaz il-hsara grat mhux minhabba l-post fejn kienet irmiggata Angelique II imma minabba li l-Maryanne nqatghet minn mal-baga u spiccat laqtet id-dghajsa tal-attur.

6. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet eccezzjoni, fl-ebda stadju tal-proceduri l-konvenuti m'ghamlu riferenza ghal-ligijiet u konvenzjonijiet li fuqha bbazaw din l-eccezzjoni.

7. Dwar ir-raba' eccezzjoni, din ma tibqax rilevanti gialadarba l-qorti ser tilqa' l-ewwel talba mhux minhabba xi amissjoni jew transazzjoni, imma ghar-ragunijiet li nghataw hawn fuq.

8. Fir-rigward tad-danni mill-affidavit jidher li l-attur qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq it-tieni stima (Dok. B a fol. 7). Spjega kif originarjament kien ta l-ewwel stima (Dok. A a fol. 4) lill-ufficjal tas-socjeta konvenuta. Wara li rrefera l-kaz ghand avukat:

   *"It was round about the end of April, that I remember my lawyer instructing me to obtain a revised quotation of the damages, and this due to the fact that Engineer Paul Cardona objected that Angelique II should get a complete paint job and that the insurance will only be covering a partial paint job limited only to those areas where the damage was sustained. On the 6$^{th}$ May 2008, a second quote was issued by Manoel Island Yacht Yard and sent to Captain*

---

[4] Louis Hili hekk xehed (fol. 87).

[5] L-attur xehed: *"In January 2008, specifically the 24$^{th}$ January, 2008, during a storm that hit Malta during the Winter Season, two vessels belonging to Captain Morgan Lesiure Limited broke their moorings and one of these vessels namely the Maryanne swung round and collided with Angelique II, causing considerable damage to Angelique II's bow, starboard side, stern and also portside paintworks"* (fol. 37).

[6] Il-qorti ma tifhimx kif seta' qal hekk meta x-xhud stess xehed: "Nghid li

*Morgan and/or insurance and this is also exhibited in the acts and marked as document B"* (fol. 39).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta li ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta' spray ghandha s-somma ta' €10,460 skond l-istima dokument A (fol. 4), u dan peress li: *"… s-socjeta intimata kompliet twebbes rasha u tipprova tahrab mir-responsabbilta taghha sal-gurnata tal-lum"*. Il-qorti ma taqbilx. L-attur kellu kull opportunita li jressaq il-provi li ried matul is-snin twal li ilha pendenti l-kawza. M'hemmx prova li hemm bzonn li d-dghajsa kollha tinzebah.

Mill-atti ma jirrizultax jekk wara dawn is-snin kollha saritx it-tiswija. Fic-cirkostanzi l-qorti ser ikollha tillikwida d-danni a bazi tal-istima (Dok. B a fol. 7). Id-danni qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' sittax-il elf erba' mija u wiehed u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€16,491.68)[7].

Ghalkemm xhud tal-konvenuti ghamel riferenza ghal survey tal-inginier Paul Cardona, ma giex prezentat u ma ssemmiex bhala xhud fil-lista ta' xhieda.

9. Ghalkemm l-attur jippretendi li l-imghax ghandu jithallas minn meta ppropona dawn il-proceduri, is-somma dovuta qeghda tigi determinata llum. Ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri mil-lum. F'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza **Vivian Mizzi vs Carmel Mizzi**, fir-rigward tal-imghax gie osservat li mill-provvedimenti tal-ligi (Artikoli 1139 u 1141 tal-Kodici Civili):-

   *"… jidher li l-imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata. **Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet**. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe' jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, huwa determinat fl-artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat".*

   Dan apparti li l-attur ma tax prova li t-tiswija saret. Dan ifisser li m'hemmx prova li nhargu flus mill-patrimonju tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-atturi. Tillikwida d-danni fis-somma ta' sittax-il elf erba' mija u wiehed u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€16,491.68) u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez a karigu taghhom**. **L-imghax jiddekorri mil-lum**.

[7] Somma li tinkluxi t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Anthony Ellul.